# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


---

# Minuti tal-laqgħa 38 (06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 38 (06) nhar it-Tlieta, 16 ta' Settembru, 2014 fil-4.00 (fl-erbgha) ta' wara nofsinhar fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berġa ta' Franza.

It-Tmienja u Tletin (38) Laqgha tas-Sitt Kunsill inzammet b'din l-Agenda:-

1. Approvazzjoni tal-Estimi Annwali ghas-Sena 2013

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Vici Sindku is-Sur Trevor Mizzi, il-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel, u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Attard.

Il-Kunsillier is-Sur Alan Cassar kien skuzat.

Is-Sinjorina Fiona Said, Segretarju Ezekuttiv.

## Talba

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

## Bidu tal-Laqgha

1. Approvvazzjoni tal-Estimi Annwali ghas-Sena 2013

1.1 Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Financial Statements ghas-sena 2013.

1.2 Is-Sindku s-Sur John Boxall spjega li dawn l-Financial Statements kienu tlestew nhar il-Gimgha 12 ta’ Settembru 2014 mill-Accountants tal-Kunsill , il-kumpanija Nexia BT u intbaghtu lill-Kunsill dakinhar wara nofsinhar.

1.3 Is-Sindku s-Sur John Boxall kompla billi qal li id-Dipartiment gie nfurmat li l-Financial Statements kienu lesti u ser jigu approvati fil-Laqgha tal-Kunsill tat-Tlieta, 16 ta’ Settembru, 2014. Huwa nforma lill- Kunsill li wara li l-Accountants (Nexia BT) kienu kkuntatjati sabiex ikunu prezenti ghall-laqgha, l-Accountants infurmawna li ma setghux jattendu. Ghaldaqstant is-Segretarju Ezekuttiv is-Sinjorina Fiona Said tat spjegazzjoni tal-kontenut tal-Financial Statements 2013.

**F’dan l-istadju tal-Laqgha (fil-4.45pm) attenda l-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi.**

1.4 Is-Sindku ppropona li wara dan id-dewmien kollu, il-kumpanija tal-Accountants, Nexia BT, li l-Kunsill ghandu assenjati, ghandha tinzamm responsabbli ghall-dan l-agir u dewmien sabiex il-Financial Statements 2013 jitlestew. Dwar dan il-Kunsill qabel.

1.5 Wara din id-diskussjoni, is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements ghas-sena 2013. Il-Kunsill approva unanimament.

1.6 Is-Sindku s-Sur John Boxall informal lill-Kunsill li l-Financial Statements ser jintbaghtu ghada filghodu in-*National Audit Office* u jigi nfurmat ukoll id-Dipartiment dwar dan.

Il-laqgħa spiccat fis-6.15 ta’ filghaxija.

______________________________ ______________________________

Fiona Said<br>Segretarju Ezekuttiv

ikkonfermati John Boxall<br>Sindku